

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2011 —
Centrotherm Systemtechnik vs UASI — centrotherm Clean
Solutions (CENTROTHERM)**

(Kawża T-434/09) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ revoka — Trade mark Komunitarja verbali CENTROTHERM — Użu ġenwin mit-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Eżami ex officio tal-fatti — Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 — Ammissibilità ta’ provi ġodda — Artikolu 76(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Eċċezzjoni ta’ illegalità — Regola 40(5) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95”)

(2011/C 311/78)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Centrotherm Systemtechnik GmbH (Brilon, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Albrecht u U. Vormbrock, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: G. Schneider et R. Manea, aġenti)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: centrotherm Clean Solutions GmbH & Co. KG (Blaubeuren, il-Ġermanja) (rappreżentant: O. Löffel, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI tal-25 ta’ Awwissu 2009 (Każ R 6/2008-4), dwar proċedimenti ta’ revoka bejn centrotherm Clean Solutions GmbH & Co. KG u Centrotherm Systemtechnik GmbH.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Centrotherm Systemtechnik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(3) centrotherm Clean Solutions GmbH & Co. KG għandha tbatl l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ Settembru 2011 —
Zangerl-Posselt vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-62/10 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Servizz pubbliku — Reklutaġġ — Avviż ta’ kompetizzjoni — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta’ ammissjoni għall-eżamijiet prattiċi u orali — Kundizzjonijiet għall-ammissjoni — Diplomi meħtieġa — Artikolu 5(3)(a)(ii) tar-Regolamenti tal-Persunal — Interpretazzjoni — Teħid inkunsiderazzjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti — Xogħlijiet preparatorji”)

(2011/C 311/79)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Appellanti: Brigitte Zangerl-Posselt (Merzig, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Paulmann, avukat)

Parti oħra fil-proċeduri: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tat-30 ta’ Novembru 2009, Zangerl-Posselt vs Il-Kummissjoni (F-83/07, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta’ din is-sentenza.

Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) B. Zangerl-Posselt għandha tbatl l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta’ din l-istanza.

⁽¹⁾ ĠU C 113, 01.05.2010.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta’ Settembru 2011 —
BVR vs UASI — Austria Leasing (Austria Leasing
Gesellschaft m.b.H. Mitglied der Raiffeisen-Bankengruppe
Österreich)**

(Kawża T-197/10) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Austria Leasing Gesellschaft m.b.H. Mitglied der Raiffeisen-Bankengruppe Österreich — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Raiffeisenbank — Nuqqas ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 311/80)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Bundesverband der Deutschen Volksbanken und Raiffeisenbanken e.V. (BVR) (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Rinke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Austria Leasing GmbH (Eschborn, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Joachim, avukat)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 248/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn il-Bundesverband der Deutschen Volksbanken und Raiffeisenbanken e.V. (BVR) u Austria Leasing GmbH.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Il-Bundesverband der Deutschen Volksbanken und Raiffeisenbanken e.V. (BVR) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 3.7.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Settembru 2011 — DRV vs UASI — Austria Leasing (Austria Leasing Gesellschaft m.b.H. Mitglied der Raiffeisen-Bankengruppe Österreich)

(Kawża T-199/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Austria Leasing Gesellschaft m.b.H. Mitglied der Raiffeisen-Bankengruppe Österreich — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedneti Raiffeisen — Nuqqas ta' probabbiltà ta' konfużjon — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 311/81)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Deutscher Raiffeisenverband e.V. (DRV) (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: I. Rinke, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: B. Schmidt, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Austria Leasing GmbH (Eschborn, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Joachim, avukat)

Suġġett

Rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Frar 2010 (Każ R 253/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Deutscher Raiffeisenverband e.V. (DRV) u Austria Leasing GmbH

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Id-Deutscher Raiffeisenverband e.V. (DRV) hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 179, 3.7.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Settembru 2011 — K-Mail Order vs UASI — IVKO (MEN'Z)

(Kawża T-279/10) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva MEN'Z — Isem kummerċjali preċedenti WENZ — Raġuni relattiva għal rifjut — Sinjifikat lokali tas-sinjali preċedenti — Artikolu 8(4) u Artikolu 41(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)

(2011/C 311/82)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: K-Mail Order GmbH & Co. KG (Pforzheim, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Zeiher u G. Stallecker, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: G. Schneider, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: IVKO Industrieprodukt-Vertriebskontakt GmbH (Baar-Wanderath, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-30 ta' Marzu 2010 (Każ R 746/2009-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Wenz GmbH u IVKO Industrieprodukt-Vertriebskontakt GmbH.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) K-Mail Order GmbH & Co. KG hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 234, 28.08.2010.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2011 — Hemofarm vs UASI — Laboratorios Diafarm (HEMOFARM)

(Kawża T-411/11)

(2011/C 311/83)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Hemofarm AD farmaceuċko-hemijska industrija Vršac (Vršac, is-Serbja) (rappreżentant: D. Cañadas Arcas)